**20 ta' Novembru, 1998**

**Imħallef:-**

## Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Il-Pulizija

*versus*

Raymond Spiteri

## Ksur tal-Bon Ordni - Ordni Leġittimu - Inkonvenjent

*Ir-reati tal-ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku (artikolu 338 (dd) tal-Kodiċi Kriminali) u li wieħed jonqos milli jobdi l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità (artikolu 338 (ee)), jistgħu jseħħu indipendentement minn kwalsiasi liċenzja li wieħed jista' jkollu jew ma jkollux.*

*Meta kwistjoni tirrigwarda inkonvenjent ikkaġunat minn ħsejjes, il-prova tista' - u fil-maġġor parti tal-każijiet għandha - issir permezz tal-persuna jew persuni li jkunu qed jissubixxu dak l-inkonvenjent. Normalment, għalhekk, ma jkunx hemm bżonn ta' ebda espert tekniku, li sakemm imur fuq il-post jistgħu jkunu ttieħdu l-miżuri kollha sabiex l-inkonvenjent jiġi minimizzat jew imneħħi għal kollox. F'każijiet bħal dawn spetta għall-Qorti, fil-ġudizzju u fid-dehen tagħha, li tivvaluta d-deposizzjoni tal-persuni li jkunu qed jilmentaw mill-inkonvenjent u li tiddeċidi, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jekk il-ħsejjes humiex verament ta' inkonvenjent jew le.*

*L-artikolu 338 (dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla dak li fil-*common law *Ingliża hu magħruf bħala* breach of the peace. *Għalhekk is-sempliċi inkonvenjent ikkaġunat minn ħsejjes jew storbju, anke jekk ikunu ħsejjes kbar u allura inkonvenjent kbir, ma jammontawx per se għar-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Raymond Spiteri talli fl-20 ta' Diċembru, 1996 għall-ħabta tal-5.00 a.m. u fit-tliet xhur ta' qabel, bħala persuna liċenzjata biex topera l-ħanut blisem ta' Bismarck Butcher ta' 383, Fleur de Lys Road, Birkirkara: (1) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u (2) naqas li jobdi l-ordni leġittima ta' l-awtorità jew ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-26 ta' Frar, 1997, li permezz tagħha dik il-Qorti sabitu ħati skond iż-żewġ imputazzjonijiet u kkundannatu għal ammenda ta' għaxar liri (Lm10) għal kull waħda miż-żewġ imputazzjonijiet, kif ukoll ordnatlu jneħħi l-inkonvenjent *de quo* fi żmien tliet xhur taħt penali ta' żewġ liri kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Raymond Spiteri, *minnu ppreżentat fl-4 ta' Marzu, 1997, li permezz tiegħu talab* ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li ma nġabet ebda prova li huwa in effetti kien il-persuna liċenzjata biex topera l-ħanut tal-laħam in kwistjoni. Il-Qorti tosserva, però, li r-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet ma huma marbuta ma' ebda liċenzja; il-ksur tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku (artikolu 338 (dd), Kap. 9) u li wieħed jonqos milli jobdi l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorità (artikolu 338 (ee)), jistgħu iseħħu indipendentement minn kwalsiasi liċenzja li wieħed jista' jkollu jew ma jkollux; fi kliem ieħor, il-pussess ta' liċenzja biex topera ħanut mhux element ta' ebda wieħed miż-żewġ reati kontravvenzjonali. Għalhekk il-fatt li ma ġiex ippruvat li l-appellant kien liċenzjat biex jopera l-ħanut m'għandux

neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tiegħu jekk kemm-il darba jikkonkorru l-estremi kollha tar-reati ipotizzati;

It-tieni aggravju hu li l-Ewwel Qorti messha qabbdet espert tekniku sabiex jivvaluta l-allegati ħsejjes b'apparat appożitu. Dan l-aggravju ser jiġi respint. Meta l-kwistjoni tirrigwarda inkonvenjent ikkaġunat minn ħsejjes, il-prova tista' - u fil-maġġor parti tal-każijiet, għandha - issir permezz tal-persuna jew persuni li jkunu qed jissubixxu dak l-inkonvenjent. Normalment, għalhekk, ma jkun hemm bżonn ta' ebda espert tekniku, li sakemm imur fuq il-post jistgħu jkunu ttieħdu l-miżuri kollha sabiex l-inkonvenjent jiġi minimizzat jew imneħħi għal kollox. F'każijiet bħal dawn spetta għall-Ewwel Qorti, fil-ġudizzju u fid-dehen tagħha, li tivvaluta d-deposizzjoni tal-persuni li jkunu qed jilmentaw mill-inkonvenjent jiġi minimizzat jew imneħħi għal kollox. F'każijiet bħal dawn spetta għall-Ewwel Qorti, fil-ġudizzju u fid-dehen tagħha, li tivvaluta d-deposizzjoni tal-persuni li jkunu qed jilmentaw mill-inkonvenjent u li tiddeċidi, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, jekk il-ħsejjes humiex verament ta' inkonvenjent jew le. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġu ukoll respint;

L-aggravji l-oħra ta' l-appellant huma, *bażikament*, li l-fatti kif irriżultaw ma kinux iwasslu għas-sejbien ta' ħtija tiegħu skond iż-żewġ imputazzjonijiet. Dwar l-ewwel imputazzjoni, ċjoè dik tal-ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, l-appellant għandu raġun. Il-każ jirrigwarda inkonvenjent ikkaġunat bil-ħsejjes ta' muturi ta' *freezers* li jinsabu ġewwa (u wieħed minnhom anke fuq barra) tal-ħanut in kwistjoni. Kif din il-Qorti kellha l-okkażjoni li tfisser diversi drabi, il-paragrafu (dd) ta' l-artikolu 338 tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla dak li fil-*common law* Ingliża hu magħrufa bħala *breach of the peace* (ara **P. *vs* Joseph Spiteri**, App. Krim. 24/5/96, **P. *vs* Andrea Galea u Pio Galea**, App. Krim. 30/6/98). Għalhekk, is-sempliċi inkonvenjent ikkaġunat minn ħsejjes jew storbju, anke jekk

ikunu ħsejjes kbar u allura inkonvenjent *kbir, ma jammontax per se* għar-reat ikkontemplat fl-imsemmi paragrafu (dd) (ara ukoll **P.** *vs* **Paul Busuttil**, App. Krim. 23/6/94, **P.** *vs* **Pio Galea**, 17/10/97). Anqas it-tieni imputazzjoni *ma tirriżulta ppruvata;*

Għall-motivi premessi, din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.